MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-28 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 4/2004

**The Guard & Warden Service House Limited**

**vs**

**Shannon Pisani**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Il-konvenut ghandu jigi kundannat ihallas is-somma ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500) rapprezentanti hsarat fuq *Husky* proprjeta' tas-socjeta' attrici u ghal liema hsarat huwa unikament responsabbli l-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenut li minn issa hu ngunt ghas-subizzjoni."

Ra  r-risposta:

"1. Il-konvenut mhux responsabbli ghad-danni reklamati.

2. L-ammont pretiz huwa nfondat jew esagerat u fi kwalunkwe kaz l-atturi qatt ma pproducew kont jew fattura."

Ra l-eccezzjoni ulterjuri a fol 35 tal-process fis-sens li l-azzjoni hija preskritta bil-preskrizzjoni biennali ai termini tal-artiklu 2154(1) tal-Kodici Civili abbinat mal-artikli 325(b) u 688(e) tal-Kodici Kriminali.

Sema' l-provi;

Ikkunsidra:

Hu liema hu t-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli, fl-ordni logiku jinhtieg li qabel xejn jigi stabbilit jekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hix kompatibbli jew le mal-eccezzjonijiet l-ohrajn. Certament mhix inkompatibbli mal-ewwel eccezzjoni, fejn il-konvenut qieghed jichad ir-responsabilita' ghad-danni reklamati mis-socjeta' attrici. Il-problema tqum fir-rigward tat-tieni eccezzjoni, fejn qieghed jinghad li l-ammont pretiz huwa *infondat jew esagerat u fi kwalunkwe kaz l-atturi qad* (recte :"qatt") *ma pproducew fattura.* Huwa stabbilit mill-gurisprudenza li d-debitur li minflok jichad id-debitu jikkontesta l-*quantum* ikun qieghed jirrinunzja tacitament ghall-preskrizzjoni[1]. Huwa proprju dan li qieghed jaghmel id-debitur, anke b'konflitt mal-ewwel eccezzjoni tieghu li fiha qieghed jichad ir-responsabilita' ghad-danni. Jirrinunzja wkoll min jitlob il-kont[2]. Ghalhekk anke biss a bazi tal-premess l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mhix sostenibbli.

Anke kieku ma kienx hemm l-inkompatibilita' msemmija, xorta wahda l-eccezzjoni ma tistax tirnexxi ghax anke jekk ir-reat huwa tabilhaqq wiehed ta' bejn il-LM50 u l-LM500, u allura hemm applikabbli ghalih il-piena ta' **bejn hames xhur u sena**, ma japplikax l-artiklu 688(e) kif qieghed

[1] XVI.ii.3; XXIV.ii.43; XXVI.i.441; XXVIII.ii.521; XXXII.i.639; XXXVIII.iii.688; XLII.i.153; XLVIII.iii.1440; u Anthony Fenech noe vs John Saliba Qorti tal-Kummerc 21.04.1971

[2] XXVIII.ii.521; XLII.i.153

isostni l-konvenut, ghax dan japplika ghal reati suxxettibbli ghal prigunerija **ta' inqas minn sena.** Hija invece applikabbli l-preskrizzjoni ta' hames snin stabbilita skond artiklu 688(d) tal-Kodici Kriminali ghal reati soggetti ghal perjodu ta' prigunerija ta' inqas minn erba' snin izda **mhux inqas minn sena**. Billi r-reat sehh fis-7 ta' Lulju 2000 il-hames snin ghadhom l-anqas ghaddew fid-data ta' din is-sentenza u wisq inqas kienu lahqu ghaddew fis-7 ta' Jannar 2004 meta gie ntavolat l-avviz tat-talba.

It-Tribunal jirrileva, tra parentesi, li skond is-sentenza esibita, l-konvenut instab hati ta' reat taht l-artiklu 325(a) tal-Kodici Kriminali (hsara izjed minn LM500 izda mhux izjed minn LM1,000), u mhux taht l-artiklu 325(b) iccitat mill-konvenut, u li ghalih allura l-perjodu preskrittiv huwa sahansitra itwal minn hames snin. Jidher li l-Qorti ta' Gudikatura Kriminali qaghdet fuq **l-istima** tal-hsarat fl-ammont ta' LM500.23. Fl-avviz tat-talba qieghda tintalab is-somma ta' Lm500 filwaqt li l-hsara totali rrizulta mill-provi mressqa quddiem dan it-Tribunal, fi zmien meta l-hsara kienet lahqet issewwiet u allura nhargu l-kontijet precizi, fl-ammont globali ta' LM492.28c. Tqum il-mistoqsija jekk il-perjodu ta' preskrizzjoni huwiex dak ghal reat ta' bejn il-LM50 u l-LM500 (kif jirrizulta mill-atti ta' din il-kawza) jew dak ghal reat ta' iktar minn LM500 kif gie deciz fis-sentenza kriminali. Fi kliem iehor: dak li gie deciz fis-sentenza kriminali jikkostitwixxi res judicata jew le ghall-fini tal-azzjoni civili, ghal dak li jirrigwarda l-komputazzjoni tal-perjodu ta' preskrizzjoni? Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, il-pronunzjament tal-Qorti Kriminali ma jikkostitwixxix gudikat ghax l-azzjoni kriminali hija, bhala regola, indipendenti mill-azzjoni civili. Izda din hija kwistjoni li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz hija merament akkademika.

Fil-mertu, it-talba attrici hija sodisfacentement ippruvata ghal dik li hija attribuzzjoni b'responsabilita' akwiljana lill-konvenut. Fir-rigward tal-quantum tad-danni jirrizulta li dawn jammontaw ghal LM492.28c.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, u jilqa' t-talba attrici

limitatament ghas-somma ta’ LM492.28 rappresentanti hsarat fuq *husky* proprjeta’ tas-socjeta’ attrici u ghal liema hsarat hu responsabbli unikament il-konvenut, bl-imghax legali mid-data ta’ din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv u bl-ispejjez a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------